Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 490 / 2016**

Il-Pulizija

vs

**Claude Formosa**

Illum, 23 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Claude Formosa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 584174 (M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-6 ta' Mejju tas-sena 2015 ghal habta ta' 23.55 bil-vettura KBR 541 gewwa Triq San Gorg, San Giljan:-

1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-trieq jew f' post pubbliku iehor waqt li ma kienx f' kondizzjoni li jsuq minnhabba xorb jew drogi;

2) Naqas jew irrifjuta li jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina;

3) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta' kont.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien mhux anqas minn sitt (6) xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti

illiberat lill-imputat mill-akkuza numru tlieta u sabitu hat ital-akkuzi numru wiehed u numru 2 u kkundannatu multa ta' elf u mitejn euro (€1200). Il- licenzja tas-sewqa ma gietx sospiza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu pprezentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tghaddi biex tirriforma u tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 25 ta' Ottubru, 2016 billi filwaqt li ghandha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu mhux hati tat-tielet akkuza u lliberatu minnha u fejn ma ordnat ebda sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan, thassar u tirrevoka minnflok dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati ta' l-ewwel zewg akkuzi u kkundannatu komplessivament ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' €1,200 u
konsegwentement tilliberah minn kull-imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi ma ngabet ebda prova dwar jekk I-esponent kienx fi stat tajjeb 0 meno biex ikun jista jopera vettura. Hadd ma ra l-mod ta' sewqan tieghu u jew assista ghall-incident stradali in kwistjoni. Il-fatt li s-surgent tal-pulizija li hejja r-rapport xehed li xamm riha ta' xorb bl-ebda mod ma tista twassal ghal prova skond il-ligi li s-sewwieq kien jew ma kienx fi stat li jsuq. L-istess surgent isemmi l-kelma ghal darba tnejn li l-esponent kien jidher eccitat minnhabba l-habta u d-daqqa li kellu f' rasu u mhux li b' xi mod wera xi sinjali ta' sokor jew xorb zejjed fil-komportament tieghu;

2. IlIi dwar I-allegat rifjut jinghad is-segwenti:-

a) Fir-rapport mhejji mis-surgent ma hemmx indikat li l-appellant kien inghata it-twissija specifika qabel ir-rikjesta tal-breathilser. Li kieku nghatat is-solitu twissija din kienet titnizzel fir-rapport;

b) Fir-rapport innfisu hemm dikjarazzjonijiet konfliggenti dwar din il-materja.

Filwaqt li fit-tieni pagna tar-rapport hemm imnizzel testwalment li "refused to give sample" fis-sitt pagna taht il-paragrafu Action Taken hemm imnizzel testwalment mill-istess surgent "Both drivers were asked for a breath sample which was done as well";

c) L-appellant xehed b' insistenza li f' ebda hin ma rrisponda li kien qed jirrifjuta li jaghmel it-test izda semplicement li f' dak il-mument xtaq jistenna lil huh, l-avukat. Dan il-kliem gie sahansitra kkonfermat mis-surgent ta' l-ghassa li xehed f' dawn il-proceduri u qal li kien minnu Ii l-esponent kien lissen tali diskors u huwa ma kienx issokta bit-test ghas-semplici raguni li kien lahaq inputtja l-kuntrarju fil-computer ta' l-ghassa.

d) Meta kien rikoverat l-isptar l-appellant xehed li rega offra li jaghmel mhux biss it-test tan-nifs izda anke dak tad-demm tant ma kellu ebda faham miblul.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Semghet mill-gdid ix-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel Qorti u dan ghaliex ix-xieda taghhom ma kienitx wahda dattilografata u ghalhekk jsita jghati l-kaz li dak li qalu ix-xheda quddiem din il-Qorti ma hiex l-istess versjoni tal-fatti kif espress minnhom qudddiem l-ewwel Qorti.

PS 750 Terry James Mallia xehed u spjega li nhar il-15 ta' Gunju, 2015 kien qieghed l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan xoghol meta ghall-habta ta' nofs il-lejl gie mitlub johrog mill-ghassa ghaleix kient sehhet kollizzjoni ftit 'l fuq mill-ghassa faccata tal-kaz tal-banda. Qal li ra li kien hemm zewg karozzi mahbuta vettura li kient misjuqa

mill-appellant tal-ghamla BMW mahbuta fil-karozza ta' quddiemha li kienet tal-ghamla Citroen.

Jghid li l-habta kienet wahda piuttost kbira tant li infethu l-*air bags* tal-BMW u li s-sewwieq, l-appellant kellu bzonn l-ghajnuna biex johrog u infatti ighid li kellu ukoll xi feriti. Spjega li meta wasal hu l-appellant kien hdejn il-vettura tieghu u xamm li kellu riha ta' xorb u ghalhekk talbu jakkompanjah l-ghassa biex jiehu specimen tan-nifs tieghu ghal presenza ta' xorb. Qal li anke is-sewweiq l-iehor mar l-ghassa sabiex jghati kampjun tan-nifs.

Il-hsara fuq il- BMW kienet fuq 'l quddiem taghha waqt li l-hsara fuq ic-Citroen kienet fuq 'l warra taghha.

Dak il-hin staqsa lill-appellant jekk kienx hu li kien qed isuq u dan ikkonferma li l-vettura hija tieghu u li hu kien biha isuq.

Meta kienu l-ghassa wissa lill-appellant li n-nuqqas ta' tehid tat-test tal- breathylser jammonta ghar-reat. L-appellant qallu li ma xtaqx jiehu t-test u jixtieq li jasal huh li hu avukat. Huwa ghalhekk ha din bhala rifjut u infurmah li ghat-tehid tal-beathylser test ma hemmx bzonn ghall-presenza ta' avukat.

Ftit wara jikkonferma li waslu l-ghassa ukoll hu, omm u missier l-appellant. L-appellant qallu li is-sewwieq tac- Citroen qabad u hareg mill-genb tieghu u ghalhekk ostakolalu it-triq. Mistoqsi x' feriti kellu l-appellant jghid li ma jafx pero' jaf li mar l-isptar xi saghtejn wara l-incident.

Mistoqsi jekk qallux li ried jistenna lil huh li hu avukat. Jghid li kien biss wara li rrifjuta li jghamel ti-test uwasal huh li qallu li kien lest li jghamel it-test kif mitlub minnu pero' jinsisti li fil-bidu ma riedx jghamlu u kien biss wara li dahhal ir-rapport fis-sistema li l-appellant stqarr li ried jghamel it-test.

Jikkonferma in kontro esami li vera l-feriti li kellu l-appellant kienu gravi pero' fejn kienu ma kienx f'posizjoni li jghid peress li kien ghadda iz-zmien.

Mistoqsi kif agixxa l-appellant jghid li dan agixxa normali kif kien jagixxa kul persuna wara li jkun involut f'incident tat-traffiku. Jaf li xi hmsitax il-jum wara l-akkadut kien mar l–ghassa ikelmu u qallu li ma xtaqx li dawn il-proceduri jitkomplew.

L-appellant xehed u spjega li qabel l-incient kien qieghed fil-post li jismu Ryans jara loghba futbal u hemmhekk xorob flixkun Shandy biss. Qal li meta telaq minn hemm u ghadda minn hdejn l-ghassa ta' San Giljan u kien tiela' t-telgha mix-xellug tieghu harget Citroen u baqa' diehel fil-parti ta' wara taghha. Dak il-hin infethu l-air bags u anke kellu xi feriti kawza ta' dan l-investru.

Jghid li ftit war awasal fuq il-post il-pulizija u talbu jaghti kampjun tan-nifs u dan qallu li xtaq jsitenna lil huh li hu avukat. Meta wasal huh qallu li kien lest li jghamle it-test pero' qallu li kien tard wisq ghalix kein dahhal fis-sitema ir-rifjut tieghu.

Qal li l-vettura tieghu kient gdida fjammanta kien xtaha lejliet. Huwa spicca l-isptar wara minhabba l-feriti li kien garrab u hemmhekk ikkonfermaw li ma kienx fis-sakra.

Jghid li vera inghata t-twissija li jekk ma jghamilx it-test kien reat.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Bhala fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrizultaw is-segwenti.

1. Illi nhar il-15 ta' Gunju, 2015 l-appellant kien qed isuq BMW bin-numru ta' registrazzjoni KBR 541 fi Triq San Gorg meta ghall habta ta' 11.55 habat mal-vettura li kient quddiemu tal-ghamla Citroen.
2. Illi kien hemm hsarat fuq iz-zeg vetturi.
3. Illi iz-zewg sewwieqa tnnizlu l-ghassa beix jaghti kampjun tan-ns taghhom
4. Illi l-appellant dam bei xjghati l-kunsens tieghu ghaliex ried li huh li hu avukat ikun prezenti.

5. Illi l-pulizija ha dan l-agir li l-appellant ma reidx jghati il-kampjun tan nifs u dahhal dan ir-rifjut fis-sistema u ghalhekk meta l-appellant qallu li xtaq jghamel it test iddecida li kien tard wisq una volt akien lahaq gja kiteb li l-appellant irrifjuta.

Ghalhekk f'din l-isfera din il-Qorti sejra titratta l-aggravji tal-appellant wiehed wiehed.

Fl-ewwel lok l-appellant jallega b'referenza ghall-ewwwel akkuza kif disposta fl-artikolu 15A (1) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta li l-pulizija ma resqet l-ebda evidenza sabiex tipprova li l-appellant kien fi stat ta' sokor jew ahjar fi stat tajjeb li jopera l-vettura tieghu. Billi ma resqet lil hadd jixhed dwar id dinamika tal-incident.

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

*"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tannifs maghmul taht l-Artikolu 15C.*

*Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement millansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku.[1]"*

[1] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

F'dan ir-rigward jinghad li l-unika haga li rrizulta mill-provi hu li l-pulizija li nvetiga l-kaz xamm riha ta' xorb. Fl-ebda hin ma qal li l-appellant kien ruxxan jew li wehillu ilsienu jew li ma kienx qed jimxi dritt. Mistoqsi kif agixxa l-appellant wara l-incident jghid normali bhal kul persuna ohra li jkun ghadu kemm habat. Min naha l-ohra l-appellant jghid li kul ma kien xorob dak n-nhar kien flixkun Shandy. Din il-prova ma gietx kontradetta minn hadd. U ghalhekk dak li stqarr l-appellant dwar il-prova imreqsa mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija dghajfa hija korretta.

Fit-tieni lok l-appellant ghamel referenza ghal kwistjoni tar-rifjut.

L-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-fatt waħdu li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat li jfisser li kemm il-darba il-prosekuzzjoni tipprova dan il-fatt l-imputat għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat indipendentement x'taħseb il-Qorti fir-rigward ta' sokor o meno. Illi l-liġi tkompli li kemm il-darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt.

Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond u jidher li f'dan il-kaz din il-materja ma hiex qed tigi kkontestata. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha[2].

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant gie mehud l-ghassa sabeix jaghti dan il-kampjun tan-nifs bhal parti mill-investigazzjoni sabeix iwaslu ghal proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant gja kien qed jigi kunsidrat bhala 'suspettat' u mhux semplici xhud.

[2] Il Pulizija vs Raymond Grech Margaret deciza mill_Qoti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Gunju 2017

F'dan ir-rigward l-Avukat Generali fit trattazzjoni teighu stqarr li l-appellant ma kienx intitolat ghad-dritt tal-Avukat u dan ghaliex ir-reat in kwistjoni huwa wiehed ta' portata zghira u ghamel refernza ghal prejambolu ta' din id- Direttiva tal-Ewropa 2013/48[3] u appuntu ghas-segwenti artikoli:-

(17) *F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta ċ-ċaħda tal-libertà bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali*

F'dan ir-rigward jinghad li l-akkuzi li gie akkuuat bihom l-appellant huma dawk naxxenti mill-artikolu 15A (1) u 15E fejn f'kaz ta' htija japplika l-artikolu 15H li jipprovdi li:-

*"Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dakjew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqasminn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa upriġunerija flimkien"*

Ghalhekk fid-dawl tal-provediment 17 tal- prejamblu ghad Direttiva fuq citat dan hu reat li jimporta piena ta' prigunerija f'kaz ta' htija u ghalhekk l-persuna li qed tigi investiata ghandha dritt li tkun asssistita minn Avukat.

L-Avukat Generali jghamel referenza ukoll ghall-artikolu 21 ta' l-sitess prejambolu ghad Direttiva 2013/48 li jipprovdi s-segwenti:-

[3] DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà

(21) *Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva.*

Zgur li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz meta is-surgent talab lill-appellant sabiex imur mieghu l-ghassa sabeix ighati kampnjun tan nifs ma nsitghu nghidu li l-appellant ma kienx qed jigi kunsdirat bhala suspettat ta' reat. Ghalhekk multo magis l-appellant kellu dritt li jkkun assistit minn avukat molto piu meta kien hu stess li talab li huh jkukn prezentai waqt it-tehid.

Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara **<u>Alexander Zaichenko vs Russia[4]</u>** – 18/02/2010):

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

[4] Deciza mill ECHR fit-28 ta' Gunju 2010 (Application no. 39660/02)

Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel.

Jidher car li l-appellant ma irrifjutax li jghati kamjun tan-nifs tieghu izda talab li huh li hu avukat jkun prezenti u jirrizulta li ftit wara waqt li l-appellant kien ghadu l-ghassa huh attenda l-ghassa u kif ammess mis-surgent fix-xhieda tieghu[5] l-appellant dak il-hin xtaq li jghamel it-test. It test ma sarx ghaliex skond ix-xhieda tal-appellant u tas-sugent stess , is-surgent kien gja inputtja fis-sistema li l-appellant kien irrifjuta li ighamel it-test.

L-intensjoni tal-legislatur meta introduca dan it-test kien wiehed sabiex inaqqas mit-toroq persuni li jkunu qed isuqu taht l influwenza tax-xorb u ghalhekk kien id-dover tas-surgent li jiehu it test tann-nifs tal-appellant waqt li dan kien ghadu fl-ghasa umhux jiehu ' the short way out' u jghidlu issa ma setax jiehdu ghaliex kien gja inputtja fis-sistema ir-rifjut tieghu. Is-surgent huwa hemm bhal agwardjan tal-ligi ukoll u ghalhekk kien msitenni minnu li jiehu dan it-test una volta l-appellant ma kellux oggezzjoni ghalih.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan il-kwadru din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza moghtija mil-ewwel Qorti b'dan illi qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

---
[5] Seduta tat-18 ta' Gunju 2019